**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat,  Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR47/VIII/2023**

**Il-Ħamis, 31 ta' Awwissu 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 31 ta' Awwissu 2023, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppressjeda l-laqgħa.

**47.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**47.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**47.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

47.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 46 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

47.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

47.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

### 47.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

46.4.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex ser jospita grupp ta' għaxart itfal mill-Ukraina u superviżur magħhom. Il-Kunsilli aċċettaw li jieħdu ħsieb joħorġuhom fi ġranet differenti. Il-Kunsill tar-Rabat ser jieħu ħsiebhom fit-8 ta' Settembru 2023.

46.4.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara ż-żewġ festi titulari dejjem jinħaslu Pjazza San Ġorġ u Pjazza Indipendenza. Wara li ġew infurmati l-membri u qablu, inħaslet Triq Palma. Kienet ser tinħasel ukoll Triq Karolina Cauchi peress li kellha ħafna trab għax qed isir *culvert* minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex. Ma nħaslitx għax għamlet ix-xita jumejn qabel li kellha tinħasel.

46.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri rigward il-bring-in-site il-ġdida li ntalab il-permess tal-ERA biex issir fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. L-Awtorita' tal-Artijiet tat il-kunsens tagħha sabiex issir il-bring-in-site fil-post propost. Il-Kunsill qed jistenna l-veduti ta' Transport Malta biex ikun jista' joħroġ il-permess.

### 47.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand:-

47.5.1 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali – Ċirkulari 15/2023 – Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ;

47.5.2 l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali:-

i) Cir AKL 2023/070 - *European Mobility Week* 2023;

ii) Cir AKL 2023/075 – Laqgħa dwar Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet. Is-Sindku ser jattendi għal din il-laqgħa.

iii) Cir AKL 2023/076 – Il-kuntratt tal-għalf tal-ħamiem skada;

47.5.3 il-*Housing Development Fund* fejn ġiet offruta opportunita għall-kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali;

47.5.4 l-Avukat tal-Kunsill rigward il-proġett tal-bdil tal-fanali taċ-ċentru tar-Rabat. Il-parir tal-avukat hu li jekk il-fanali m'humiex skont l-i*specifications* li l-kuntrattur suppost ikun ra, allura hi responsabilta tal-kuntrattur li jirranġhom. Il-membri qablu li f'dan l-istadju ma jsir ebda' pagament, qabel il-kuntrattur jirretifika is-sitwazzjoni;

47.5.5 Reġjun Għawdex rigward il-*Gozo European Region of Gastronomy 2026 Bid Book*;

47.5.6 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward Appell 00246/23 fuq PA/01112/20 – *To demolish existing disused farm and to construct a dwelling*. Il-Perit bagħat id-dettalji rigward dan l-appell. Il-Kunsill irċieva d-dettalji peress li 'Din l-art Ħelwa' qed tappella.

47.5.7 SportMalta rigward il-*European Week of Sport* 2023;

47.5.8 is-sidien ta' appartamenti fi Triq Ġorġ Pisani fejn qed jissuġġerixxu li jsir arblu b'bozza tad-dawl ġdida. Il-membri qablu li l-Enġiniera tad-dawl jiġu mgħarrfa b'dan u tinħareġ stima. It-triq għadha mhix asfaltata;

47.5.9 residenti fi Triq il-Mitħna fejn talbu sabiex jitkompla t-tarmak fejn il-parti tat-triq għad mhix asfaltata. Peress li din hi parti ġdida, l-asfalt irid isir minn naħa tal-Gvern Ċentrali;

47.5.10 residenti fi Triq Dun Pawl Micallef fejn ilmentaw li mhux qed jiġu osservati s-sinjali tat-traffiku u li hemm bżonn it-tindif ta' spiss fit-triq. Il-Kunsill ser imexxi dawn ir-rapporti.

47.5.11 Tressaq ilment minn resident fi Triq l-Universitas rigward *tower crane* li sar dan l-aħħar sabiex isir bini fil-kantuniera tat-triq. Dan it-*tower crane* għandu l-permess tal-Kunsill wara li s-sid ikun ressaq id-dokumenti kollha meħtieġa quddiem Transport Malta.

47.5.12 Il-membri ġew mgħarfa li l-Kunsill daħħal il-fondi li kien ħareġ għall-proġett 'Identity of an Island Gozo – Art between Past and Present', iffinanzjat mill-Gozo Action Group.

**47.6 CCTVs taċ-Ċawla H.E.**

47.6.1 Ser issir laqgħa din il-ġimgħa fuq il-post mal-kuntrattur li poġġa l-*cameras* sabiex jiġi deċiż x'baqa x'isir.

**47.7 Ġemellaġġ – Nichelino**

47.7.1 Tressqet korrispondenza bi proposti mingħand is-Sindku u l-Assessore ai Gemellaggi ta' Nichelino. Il-membri tal-Kunsill qablu li din tiġi diskussa sabiex jissaħħaħ il-ġemellaġġ li hemm mal-Belt ta' Nichelino.

47.7.2 Saru żewġ laqgħat tas-sotto-kumitat u l-membri tal-Kunsill qablu li:-

i) l-membri tal-Kunsill iżuru Nichelino bejn is-27 ta'Settembru u t-2 ta' Ottubru 2023;

ii) fil-kunċert mużikali li se jsir f'Nichelino u organizzat mill-Comune ta' Nichelino nhar is-Sibt 30 ta' Settembru 2023, jipparteċipa il-vjolinist Pierre Louis Attard. Il-Kunsill kien talab ukoll pjanista mir-Rabat sabiex jipparteċipa pero' minn naħa tiegħu, dan ma setax jattendi;

iii) il-Kunsill jipparteċipa fil-Fiera di Stupinigi billi jkollu prodotti tipiċi tal-ikel. Il-kumpanija Magro Brothers Ltd ser toffri l-prodotti tagħha u l-Kunsill ser itella żewġ ħaddiema minn din il-kumpanija sabiex jieħdu ħsieb l-i*stand* allokata lir-Rabat;

iv) mal-kontinġent tal-Kunsill ser ikun hemm ukoll is-Sur Paul Galea, eks-Sindku tar-Rabat Citta' Victoria li kien strumentali biex inbeda dan il-ġemellaġġ ma' Nichelino u kif ukoll is-Sur Alvin Scicluna li għandu konoxxenza sew u relazzjoni ma' Nichelinesi li qed jieħdu ħsieb il-wirja fotografika ta' ritratti li ttieħdu apposta

f'Għawdex partikolarment fir-Rabat. Din il-wirja ser tinfetaħ f'dawn il-ġranet li fih ser ikun hemm il-membri tal-Kunsill;

v) ser jittellgħu żewġ Rabtin li jaħdmu l-bizzilla sabiex jipparteċipaw fil-Fiera ta' Stupinigi;

vi) żewġ persuni minn Citadel Video Communications (CVC) ser jieħdu filmati ta' dawn il-ġranet.

**47.7 Proġett Leader – GAGF- Oratorju Don Bosco**

47.8.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill intalab sabiex ikun sħab mal-Oratorju Don Bosco sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni taħt il-Proġett LEADER tal-Gozo Action Group. Il-proġett jikkonsisti f' xiri u nstallazzjoni ta' arja kkundizjonata fis-sala tat-teatru tal-Oratorju. Il-Kunsill mhux ser joħroġ fondi minn naħa tiegħu.

47.7.2 Il-membri qablu ma' dan u għandha tiġi sottomessa d-dokumentazzjoni inizjali ma' din l-applikazzjoni.

**47.9 Immaniġġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

47.9.1 parkeġġ riservat għall-muturi fi Triq il-Kastell;

*47.9.2 double yellow lines* maż-żewġ naħat tal-garaxx 'Ta' Peppi' fi Triq Ġuże' Cremona;

*47.9.3 double yellow lines* mal-garaxx u faċċata ta' 'AnthAnne' fi Triq Aniċi;

*47.9.4 double yellow lines* mal-garaxx 'Trieste' fi Triq Qasam San Ġorġ;

47.9.5 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem 41, Triq Repubblika.

47.9.6 TM m'approvatx permess għall-persuni b'diżabilita' quddiem Blokk D f'ta-Ċawla H.E.

**48.10 *Victoria Urban Upgrading***

48.10.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li t-Tlieta, 8 ta' Awwissu, 2023 saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-*Gozo Regional Development Authority* (GRDA), rigward il-proġett *'Victoria Urban Upgrading'* li fil-maġġoranza tiegħu ser ikopri l-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*, il-grawnd Leli Farrugia u l-*playing field*.

48.10.2 Waqt il-laqgħa tqajmu diversi punti fosthom il-*playing field* li hi devoluta lill-Kunsill. Il-Kunsill appella sabiex f'dan il-proġett ikun hemm inkluż *playing field*.

48.10.3 Waqt il-laqgħa ġie suġġerit ukoll li l-Kunsill ikun jaf bit-*traffic management* kif ikun pjanat waqt li jkun qed isir il-proġett u ġie suġġerit li l-proġett isir f'fażijiet fejn l-impatt fuq it-traffiku jkun mill-inqas.

48.10.4 Il-GRDA bgħatet il-punti li ħarġu minn din il-laqgħa u l-membri qablu magħhom.

48.10.5 Il-membri qablu li l-Kunsill joħroġ stqarrija wara li jkunu ħarġu l-pjanti ta' dan il-proġett.

**47.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

47.11.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2023 skond dokument A anness.

**47.12 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

47.12.1 l-Kunsill jgħin fl-organizzazzjoni tal-*Aurora International Folk Festival* 2023. M'għandhiex tinqabeż is-somma ta' €1,000 u għandhom jintramaw il-bnadar fejn ser isir il-festival.

47.12.2 il-Kunsill jistaqsi lill-Eko-Għawdex meta ser jinbeda x-xogħol biex titranġa l-latrina pubblika fi Triq Enriko Mizzi;

47.12.3 tiġi organizzata l-attivita' '*Kids Just Wanna Have Fun*' fil-parkeġġ il-kbir, nhar il-Ħadd 3 ta' Settemru,2023. M'għandiex tinqabeż is-somma ta'€500;

47.12.4 l-Perit jiġi mistoqsi jekk hemmx bżonn ta' permess tal-ERA sabiex tinżabar siġra fi Pjazza J F Kennedy;

**47.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30hrs u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, 5 t'Ottubru, 2023.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv